MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 777/2012

**Paul Bonello ID 912644M**

**vs**

**Miriam Degabiriele ID 235866M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ l-attur qed jitlob m'ghand l-Intimata l-hlas ta' erba' mija u tletin Ewro (€430.00c), prezz ta' *cover* ta' dghajjsa maghmul fuq ordni taghha u lilha konsenjata. Bl-imghax u l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali taht l-art 166A tal-Kap 12 u ta' sekwestru kawtelatorju.

**Ra** r-RISPOSTA hekk:-

1) It-talbiet ghandhom jigu michuda ghax infondati.
2) Mhux minnu li l-Intimata ghandha dghajjsa taghha, li ordnat *cover* u li dan gie lilha konsenjat.

II PROVI

1. **<u>Stefan Bonello</u>** xehed li hu kollega tax-xoghol tal-Intimata. Qaltlu li riedet taghmel tinda gdida ghad-dghajjsa u qabbadha ma missieru. Aktar tard iltaqa maghha fil-Marina tal-Imsida u qaltlu li kienet kuntenta bix-xoghol. Sussegwentement kelmitu bil-mobajl u qaltlu li x-xoghol ma kienx qed joghgobha u qalilha ddur fuq missieru. Kellem lil missieru u dan qallu li l-Intimata riedet tinda stirata hafna. Ried jaghmilha dan imma ma riedx ikun responsabbli ghax tinda bhal din tinxtorob u jkun difficli tinghalaq. Wara ftit missieru tah *invoice* li ghaddieha lill-Intimata. In kontro-ezami, qal li lill-Intimata dejjem kien jafha u kellimha bhala sid tad-dghajjsa.

2. **<u>Mary Bonello</u>**, mart l-attur , marret ma zewgha f'*boatyard* f'Hal Qormi ghall-qisien tal-*cover*.

3. **<u>L-Attur Paul Bonello</u>**, qal li kellu fabbrika ta' xoghol tal-*canvas* u kien irtira, hlief ghal xi xoghol lil hbieb. Ibnu Stefan qabbdu mal-Intimata. Mar ha l-qies hal Qormi, akkumpanjat minn martu u l-Itnimata kellha s-sieheb maghha. Qaltlu li d-dghajjsa xtaqet tbieghha. Taha stima ta' €450 li wara nizzilha ghal €400 plus zippijiet ta' €30 u hi qablet. Semma wkoll l-istirar, li ma kienetx haga skond is-sengha. Ipprova ghadd drabi jithallas izda kien ghal xejn.

4. In kontro-ezami insista li qatt ma qalulu li d-dghajjsa kienet ta' Daniel Debattista. Qabel li fassal fuq il-qadim u li kien hu stess li nduna li dan kien hazin, qabel gibdulu l-attenzjoni wkoll. Ta raguni ghala kien hemm dewmien ta' tliet xhur li fihom il-*boat* kienet mikxufa. Il-kwistjoni dwar is-sid qamet wara li hareg il-kont. Debattista offrielu li billi x-xoghol ma kienx tajjeb, jhallsu tal-materjal biss izda hu ma qabilx. Hu ghandu xi 12-il sena esperjenza fil-*canopies*.

5. **<u>Daniel Debattista</u>** xehed li d-dghajjsa hi tieghu (Dok DD1 sa 5). L-Intimata laqqghatu mal-attur u ltaqghu Hal Qormi f'Marzu/April 2011 u tah il-*canopies* li ma kienux fuq id-dghajjsa. Ta dettalji li dwarhom wiehed ghandu jara l-provi fil-process. Jigi ndikat izda li s-sustanza hi li x-xoghol ma kienx "up to standard", senjatament ma kienx hemm "waterproofing" sew.

6. **<u>L-Intimata</u>** qalet li fl-ordni hi kienet "go between" ghax ma setghetx tordna dwar haga li ma kienetx taghha. Dok DD6 sa 27 juru d-difetti lamentati minn Debattista. In kontro-ezami nsistiet li l-*canopies* kienu ser isiru ghal Debattista. Kwistjoni fuq il-prezz ma kienx hemm izda fuq il-kwalita' tax-xoghol.

III KONSIDERAZZJONIJIET

It-TRIBUNAL iqis kif gej:-

1. Il-kwistjonijiet huma tnejn, jigifieri:-
   a) Minn min gie ordnat ix-xoghol u

b) Jekk ix-xoghol sarx sew.

2. Dwar l-ewwel oggezzjoni, it-TRIBUNAL iqis li ghalkemm id-dghajjsa kienet ta' Daniel Debattista, l-ordni saret mill-Intimata, li mhiex mart is-sid. Il-kuntratt beda billi l-Intimata u iben l-attur kienu kollegi tax-xoghol u kienet hi li semmietlu t-tinda u dan poggiha f'kuntatt ma missieru li kellu esperjenza f'dik is-sengha ghalkemm kien irtirat. Saru sms bejn il-kontendenti, tkellmet (zgur fil-bidu l-Intimata) u l-pozizzjoni giet carata fl-ahhar meta x-xoghol ma kienx kif ried is-sid. Xejn ma jzomm li xi hadd jintriga hu ghal bicca xoghol a beneficcju dirett jew indirett ta' haddiehor. Wara kollox l-Intimata ma kienetx estraneja ghal Daniel Debattista. B'danakollu quddiem il-haddiem jibqa responsabbli min inizjalment u aktar, ikun qabbdu u tah struzzjonijiet.

3. Dwar it-tieni punt iz-zewg principji huma: *omne labor optat premium* (kull xoghol igib mieghu il-hlas ghalih) u li x-xoghol irid isir *secundum artem*, jigifieri kif titlob is-sengha fil-kamp ta' dak ix-xoghol. Dan ifisser ukoll li bniedem tas-sengha ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex kollox isir sew u jifrah il-ghajnejn fil-hin anke jekk ikun hemm xi nuqqasijiet, xi insufficjenzi u nuqqas ta' xjenza minn naha ta' min jordna x-xoghol.

4. It-TRIBUNAL, meta jifli l-provi jhoss li x-xoghol tal-*canopy* ma sarx sew u dana mhux kaz ta' xi skuzi inaccettabbli da parti tal-Intimata. Ghalhekk l-Intimata ghandha ragun ma thallasx.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjoni li ma kienx hemm relazzjonijiet guridika bejn il-kontendenti (2) **jilqa** l-eccezzjoni li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fil-konfront tal-Intimata (3) **jichad** it-talbiet attrici fil-konfront ta' Miriam Degabriele u (4) **jiddeciedi** li, fic-cirkostanzi l-ispejjes ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------